VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,569, 6 ta' Mejju, 2016
Taqsima B

A.L. 147 tal-2016

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regoli tal-2016 li jemendaw ir-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2)(b) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Ministru għall-Finanzi għamel ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2016 li jemendaw ir-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Donazzjonijiet li jsiru għal Sport u Kultura, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". L.S. 123.102

(2) Dawn it-regoli għandhom japplikaw fir-rigward ta' donazzjonijiet magħmula mill-1 ta' Jannar 2016 'il quddiem.

Temenda r-regola 4 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 4 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha, minflok il-kliem "dik id-donazzjoni tista' tintalab bħala tnaqqis", għandhom jidħlu l-kliem "ammont ekwivalenti għal 150% ta' dik id-donazzjoni jista' jintalab bħala tnaqqis"; u

(b) fis-subregola (2) tagħha, minflok il-kliem "mill-ispiża li fil-fatt tkun saret" għandhiom jidħlu l-kliem "mill-ammont kalkolat kif imsemmi".